**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Alfred Attard**

Każ Numru: 326/2018

**Illum 23 ta' April 2021**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Alfred Attard,** ta' tmienja u erbgħin (48) sena, iben Paul u Helen nee' Testa, imwieled Attard, nhar l-14 ta' Jannar 1970, residenti fil-fond 'Micallef and Vella Flats', 7, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar u detentur tal-karta' tal-identita' bin-numru 43970(M), akkużat talli bejn il-11 ta' Settembru 2017 u l-15 ta' Settembru 2017 f'diversi inħawi f'Għawdex;

1. Għamilha ta' gwardjan privat mingħajr ma kellu liċenzja maħruġa taħt Att dwar il-Gwardjani Privati u l-Uffiċjali tal-Komunita' u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 389;

2. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkustanzi ġab ruħu b'mod li ta fastidju jew ġab ruħu b'tali mod li kien jaf jew kien messu kien jaf li ser ikun ta' fastidju għal Dr. Kevin Mompalao LL.D. u/jew il-familja tiegħu;

Il-Qorti ġiet mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' tal-persuni offiżi u cioe' ta' Dr. Kevin Mompalao LL.D. u/jew il-familja tiegħu jew għaż-żamma tal-ordni pubbliku jew għall-iskop tal-protezzjoni tal-imsemmi Dr. Kevin Mompalao LL.D. minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat;

Il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba illi tipprovdi għall-garanzija ta' Dr. Kevin Mompalao LL.D. u/jew il-familja tiegħu skont Artikolu 412 (C) tal-Kapitolu 9 tal-Kodiċi Kriminali;

Rat illi, waqt is-seduta tal-1 ta' Marzu 2021, il-Qorti kkonċediet żmien lill-Prosekuzzjoni, lill-parte civile u lid-difiża sabiex jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub.

Rat illi l-Prosekuzzjoni ppreżentat is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub fis-17 ta' Marzu 2021;

Rat illi d-difiża ma ppreżentatx is-sottomissjonijiet tagħha kif ingħatat l-opportunita′ li tagħmel tant li t-tieni avukat difensur tal-imputat irrinunzja għall-patroċinju tiegħu minħabba nuqqas ta′ koperazzjoni min-naħa tal-imputat.

Il-Qorti ħatret lill-avukat tal-għajnuna legali skont ir-roster biex jassisti lill-imputat waqt l-għoti ta′ din is-sentenza.

Rat l-atti kollha ta′ dan il-proċediment u d-dokumenti esebiti.

**XHIEDA**

F'dan il-każ xehdu sitt (6) xhieda:

Dr. Kevin Mompalao (a fol. 82 et seq.), Victor Paul Borg (a fol. 88), Angele Mercieca (a fol. 89 et seq.), Hanyu Dong (a fol. 91 et seq.), is-Sur Anton Mizzi (a fol 113 et seq.) u Victor Paul Borg (a fol. 235 et seq).

Il-Prosekuzzjoni esebiet Vera Kopja tax-xhieda li kienet ngħatat nhar l-1 ta′ Marzu 2017 mill-konvenut Victor Paul Borg fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 28/2016 PC fl-ismijiet "Hanyu Dong vs Victor Paul Borg" li qed tiġi markata bhala dok VPB1[1].

[1] Dok VPB1 u dok VPB2 (a fol. 185 et seq)

Il-Prosekuzzjoni esebiet ukoll Vera Kopja ta' Verbal datat 10 ta' Ottubru 2017 flimkien mat-traskrizzjoniet kollha tax-xhieda li nstemghu dakinhar li qed jiġu markati komplessivament bhala dok VPB2[2].

**Il-Provi tal-każ**

Dan il-każ jikkonċerna investigazzjonijiet li kienu saru mill-pulizija fuq kwerela li kienet intbagħtet minn Dr. Kevin Mompalao LL.D. fejn talab li jiġu investigati Victor Paul Borg u l-imputat Alfred Attard, wara li dan tal-aħħar għamilha ta' *private investigator* u anke li b'imġieba tiegħu kien ta fastidju lil Dr. Mompalao.

Minn stħarrig li kien sar dakinhar kien irriżulta, li l-imputat Alfred Attard kien ġie mqabbad minn Victor Paul Borg sabiex isegwi l-movimenti ta' Hanyu Dong li kienet tiġi l-ex mara tal-istess Borg. Mill-istħarrig li kien għamel Alfred Attard li kien imsaħħaħ minn filmati u anke ritratti, kien irriżulta li Hanyu Dong kienet qegħda tkun għal ammont ta' ħin fir-residenza tal-avukat Kevin Mompalao.

Dan l-istħarrig li kien għamel Alfred Attard kien ġie kompilat f'rapport li ġie esebit minn Victor Paul Borg fil-kawża ċivili, u jindika li Alfred Attard kien għamel żmien isegwi l-movimenti ta' Hanyu Dong u tal-avukat Kevin

[2] Ibid.

Mompalao. Dawn il-fatti ġew konfermati kemm fl-investigazzjonijiet tal-pulizija u anke fix-xhieda li ta Victor Paul Borg kemm fil-proċeduri li kien hemm fil-konfront tiegħu u anke fix-xhieda li ta hu stess f'dawn l-istess proċeduri nhar 24 ta' Lulju 2020.

L-**Ispettur Bernard Charles Spiteri** xehed kif il-Pulizija rċeviet kwerela[3] mingħand l-avukat Dr. Kevin Mompalao sabiex jittieħdu passi fil-konfront tal-imputat b'riżultat li nħargu l-akkużi li jinsab addebitat bihom l-imputat f'dawn il-proċeduri. L-ispettur spjega kif l-imputat kien ingaġġat bħala investigatur privat fil-mori ta' proċeduri ta' separazzjoni sabiex jipprova li meta mart Victor Paul Borg sostniet li ma kellhiex impjieg, ma kinitx qed tkun veritjiera. Alfred Attard li kien il-persuna mqabbad minn Borg biex isegwi l-movimenti tal-ex mara ta' Borg ġie investigat ukoll u ammetta li kien tqabbad minn Victor Paul Borg kif ukoll li ma kienx debitament liċenzjat jagħmel dak ix-xoghol.

**Hanyu Dong** xehdet kif kienet qed tiġi segwita kemm mill-imputat kif ukoll mill-ex żewġha. Kienet infurmat b'dan lill-avukat tagħha Dr. Mompalao *"...he used to follow with the car, follow behind me and say who I am going to... who is my friend, or who I am going to talk to, or who I am going to meet... I do not know who he is. But after he came to the Court they say he is private investigator"*. Tispjega l-aġir ta' din il-persuna li, mill-investigazzjoni tal-pulizija u mix-xhieda ta' Victor Paul Borg irriżultat li kienet Alfred Attard: *"He followed behind like he take the*

[3] Dok. BS3

*photo, take the photo, picture of me…. When I with my friend Angie's house then he pretend that he is lost, find where is the place, and he locked the door. Then I did not.... anyway I did not know where so I did not talk to him, Then I said 'I do not know'. Then after a few minutes they come back and he locked the door again. Then he "Is here somebody's house?' And I said "I do not know'....... then when the door is open he saw me and he take a photo. But I do not see the camera, he hid it somewhere, I do not know.".*

Fix-xhieda tiegħu **Victor Paul Borg** spjega kif hu kien inkariga lil Alfred Attard sabiex dan isegwi l-passi ta' Hanyu Dong fuq medda ta' 4 t'ijiem meta t-tifla tagħhom tkun għand Borg. Hu żied jgħid x'kien l-għan tiegħu, dak li jġib provi li l-ex mara tiegħu kienet qegħda taħdem f'dak il-perjodu. Victor Paul Borg kompla jispjega li Alfred Attard kien għaddielu l-filmati, ritratti u forma ta' *log book* li jindikaw il-movimenti ta' Hanyu Dong.

Fix-xhieda tiegħu **Dr. Kevin Mompalao** ta' nhar it-18 ta' Ġunju 2019, hu kien ta spjegazzjoni x'kien wasslu biex jagħmel il-kwerela li wasslet għal dawn il-proċeduri. Huwa spjega li hu kien l-avukat ta' mart Victor Paul Borg fil-proċeduri ta' separazzjoni tagħhom. Kien hemm żmien meta peress li martu kienet tqila, mart Borg kienet tmur tgħin fit-tindif u ta' dan ix-xogħol għalkemm ma tħallsitx bi flus kienu pattewlha għal dak il-ġest b'mod iehor. L-imputat Alfred Attard stess minn jeddu kien ammetta nhar l-10 t'Ottubru 2017, quddiem il-Maġistrat Dr. Paul Coppini LL.D. li hu kien ħadem ta' *private detective*.

Minn xhieda li kienet prodotta ta' **WPC 211 Noella Cassar** irriżulta li l-imputat Alfred Attard m'għandux liċenzja maħruga mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jaħdem bħala gwardjan privat.

**Il-Livell tal-Prova Rikjest**

Kuntrarjament għall-kamp ċivili fejn min iressaq pretensjoni jkun irid jipprova tali pretensjoni fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, il-livell ta' prova fil-kamp kriminali huwa wieħed pjuttost oneruż fuq il-Prosekuzzjoni. Il-Prosekuzzjoni għandha l-obbligu li hija tressaq l-aħjar prova biex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat jew imputati huma veri. Dan għaliex kif jgħid il-**Manzini** fil-ktieb tiegħu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, paġna 234, Edizione 1890): *"Il così detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit"*.

Kif kellha l-opportunita` tiddikjara din il-Qorti kif preseduta f'sentenzi preċedenti tagħha, sabiex imputat jigi ddikjarat ħati, l-imputazzjoni dedotta għandha tiġi pruvata *oltre* kull dubju raġjonevoli, cioe` oltre kull dubju dettat mir-raġuni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 il-Qorti tagħmilha ċar li mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex l-imputat jiġi ddikjarat liberat, hemm bżonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*. F'sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-

Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning** fil-każ **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*":

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR L-AKKUŻI**

Magħmulin dawn l-espożizzjonijiet ġenerali, il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tevalwa r-reati li bihom qiegħed jiġi akkużat l-imputat.

**L-Ewwel imputazzjoni**

**Ksur ta' artikoli 4 u 25 tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta**

L-artikolu 4 tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunita', Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi:

> ***4.*** *Ebda persuna ma tista' timpjega, tħaddem jew tippermetti l-użu ta' servizzi ta' gwardjani privati kemm-il darba dawk is-servizzi ma jingħatawx minn aġenzija ta' gwardjani privati jew minn gwardjani privati, skont il-każ, li għandhom liċenza skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.*
>
> Illi "*gwardjan privat*" *tfisser individwu li hu impjegat jew li jaħdem ma' aġenzija ta' gwardjani privati*[4] *fil-provvista ta' servizzi ta' gwardjani privati.*
>
> Filwaqt li "*servizzi ta' gwardjani privati*" *tfisser kull servizz ta' gwardjani, barra minn servizzi ta' gwardjani provduti minn xi dipartiment tal-Gvern jew awtorita` taħt id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi oħra barra minn dan l-Att, mogħti minn individwu jew minn għaqda ta'persuni, korporata jew le, dwar -…*[5]

---

[4] "*aġenzija ta' gwardjani privati*" *tfisser kull individwu jew għaqda ta' persuni, korporata jew le, li tipprovdi xi servizzi ta' gwardjani privati ……..*

[5] Il-Qorti ser tagħmel referenza għal dak li ntqal fil-kors tal-laqgħa tal-Kumitat Permanenti Għall-Konsiderazzjoni Ta' Abbozzi Ta' Liġi, tal-Abbozz nru 159 tal-1995, seduta 30, miżmuma nhar is-26 ta' Marzu, 1996, dwar ir-*ratio legis* ta' din il-frażi: ""*servizzi ta' gwardjani privati*" *tfisser kull servizz ta' gwardjani, barra minn servizzi ta' gwardjani provduti*

*(i) servizzi ta' investigazzjoni privata*;

Illi m'hemmx dubju li **servizz ta' investigazzjoni privata jaqa' fid-definizzjoni ta' gwardjan privat.**

Illi ġie kkonfermat minn **WPC 211 Noella Cassar** li Alfred Attard detentur tal-karta tal-identita` nru. 43970M, **mhux liċenzjat bħala gwardjan privat:** *"Jien għamilt ir-riċerka fl-uffiċċju tiegħi u fl-uffiċċju ta 'Malta u minn stħarriġ li sar niddikjara li l-imsemmi Alfred Attard qatt ma applika biex jottjeni liċenzja tal-gwardjan privat."*.

Illi d-diċitura tal-artikolu 4 ma tħalli lok għall-ebda interpretazzjoni. Kull min jimpjega, iħaddem jew jippermetti l-użu ta' servizzi ta' gwardjan privat, li tinkludi servizzi t'investigazzjoni privati, kif jirriżulta mit-tifsiriet elenkati fl-artikolu 2 tal-Att li għada kemm saret referenza għalihom, iġorr fuqu l-oneru li

---

*minn xi dipartiment tal-gvern jew awtorita` taħt id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi oħra barra min dan l-Att, ..."*

**ONOR. LOUIS CUSCHIERI:** Eżempju ta' dan huwa meta l-pulizija jkunu qegħdin xogħol waqt logħob tal-*football.*

**ONOR. TONIO BORG:** Hawnhekk qed nitkellmu fuq meta tkun awtorita` pubblika li tagħti dak is-servizz. Biex nieħu l-eżempju li qed isemmi l-Onor. Cuschieri, l-MFA tħallas ammont ta' flus lill-Pulizija talli l-pulizija jmorru l-*ground* fil-*weekends*. L-MFA ma tħallasx lill-individwu imma tħallas lill-Gvern u mbagħad il-Gvern iħallas lill-individwu. …… Dan huwa servizz ta' gwardjan privat pero` peress li hu provdut minn Dipartiment tal-Gvern allura ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' servizz ta' gwardjani privati u għalhekk m'hemmx bżonn ta' liċenzja jiġifieri l-pulizija li jagħmlu *extra duties* huma eżentati minn din il-liġi.

jassigura li dik il-persuna li ser iħaddem, jimpjega jew juża s-servizzi tagħha, tkun liċenzjata għax-xogħol li tkun ser tiġi inkarigata tiżvolġi. Interpretazzjoni differenti tirrendi superfluwi d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 3 u 5 li jimponu obbligi simili fuq min ser jiżvolġi x-xogħol - u cioe` il-gwardjan privat innifsu li jrid ikun liċenzjat skond l-Att - u fuq l-aġenzija li timpjega gwardjani privati fejn ġiet projbita milli toffri għas-servizz ta' gwardjani privati persuni mhux liċenzjati skont l-Att.

Hija biss liċenzja maħruga ai termini ta' dan l-Att li teżimi mir-responsabbilta' penali persuna li qed isegwi l-passi ta' persuna oħra u tirraporta dwar l-għemil tagħha! **Hija biss liċenzja maħruga taħt dan l-Att li tittrasforma f'servizz t'investigazzjoni privata - sanċita u awtorizzata mill-Kummissarju tal-Pulizija – kondotta, li altrimenti u in mankanza ta' dik il-liċenzja, potenzjalment tikkostitwixxi *harassment, stalking u vjolazzjonijiet oħra dwar data protection.***

Fil-fatt ġie kkunsidrat ukoll dak li ntqal fil-kors tal-Laqgħa tal-Kumitat Permanenti Għall-Konsiderazzjoni Ta' Abbozzi Ta' Liġi meta kien qed jiġi kkunsidrat l-Abbozz 159 tal-1995, illum l-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta:[6]

> **ONOR. TONIO BORG:** Malli tibda tiddefenixxi x'tista'taghmel u ma taghmilx ma tkunx biss qed tillimita. Jien ghamilt 16-il sena naħdem bħala avukat u naf fejn xi ħadd kellu suspett li l-parti l-oħra qed tikkommetti adulterju. Dan li se

[6] Kumitat Permanenti Għall-Konsiderazzjoni Ta' Abbozzi Ta' Liġi, Laqgħa Nru. 30, Seduta tas-26 ta' Marzu, 1996

ngħid huwa komuni li jsir fejn parti tqabbad lil xi ħadd biex isegwi l-passi tal-konjuġi tagħha billi anke jittieħdu ritratti. Fil-fatt dan diġa' qed isir minn persuni li m'humiex liċenzjati u allura l-iskop li għalih qegħda ssir din id-definizzjoni mhux biex jingħata d-dritt u l-barka li bniedem jagħmel dan ix-xogħol. **L-iskop huwa li fejn qabel din l-investigazzjoni setgħet issir minn kulħadd, issa min jagħmilha jrid ikun bilfors liċenzjat**. [enfasi tal-Qorti]

Dwar il-klawsola 4, dak li llum hu l-artikolu 4 tal-att, ir-reat li jinsab addebitat bih l-imputat fl-ewwel akkuża ngħad hekk:

**ONOR. TONIO BORG:** Mr Chairman, fi klawsola 4 qegħdin ngħidu li **ħadd ma jista' jirċievi servizz ta' *private security* jekk mhux minn persuna liċenzjata** jew minn aġenzija liċenzjata għaliex inkella ma jkunx hemm skop li tilliċenzja…… **Ma jistax iqabbad lili biex nagħmel dan ix-xogħol jekk jiena minix liċenzjat** jew iqabbad aġenzija li ma tkunx liċenzjata. [enfasi tal-Qorti]

Mhux bla importanza dak li ntqal fis-seduta nru. 31 rigward il-pieni ravviżati bl-att, li tissottolineja l-oneru kbir li l-leġiżlatur fassal għal kull min jimpjega gwardjan privat mhux liċenzjat:[7]

**ONOR. TONIO BORG:** Klawsola 25 hija dwar il-pieni għall-offiżi. Il-pieni l-iktar serji huma għal dawk li joperaw mingħajr liċenzja bħala *employers*.

Hu minnu li, meta wieħed iħares lejn il-paragrafu (c) tal-artikolu 25, isib li hemm piena differenti u cioe` waħda ta' multa għal reat kommess minn persuna li timpjega, tħaddem jew tippermetti l-użu ta' servizzi ta' gwardjani

[7] Kumitat Permanenti Għall-Konsiderazzjoni Ta' Abbozzi Ta' Liġi, Laqgħa Nru. 31, It-Tnejn, 15 ta' April, 1996

privati jew servizzi ta' gwardjani privati bi ksur tal-artikolu 4 jew tal-artikolu 15, jew li xort'oħra tikser xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dak l-Att barra minn dawk li għalihom japplikaw il-paragrafi (a) u (b) tal-art. 25. Pero` wieħed għandu jifhem li l-kliem "*jew xort'oħra tikser xi waħda mid-dispożizzjonijiet …paragrafi (a) u (b)*", bir-regola tali interpretazzjoni tal-"*eiusdem generis*" tirriferi għall-każijiet ta' terzi li jimpjegaw is-servizzi ta' Gwardjani privati jew lokali, u mhux għall-każijiet ta' aġenziji liċenzjati li jimpjegaw persuni li *a loro volta* ma jkunux liċenzjati.

L-obbligu legali fuq persuna li ser tagħmel użu minn servizzji t'investigazzjoni privata, li għandha l-obbligu li tassigura ruħha li l-gwardjan privat li ser jippresta dak is-servizz ikun debitament liċenzjat, hu simili għall-oneru li persuna li tagħmel użu minn vettura għandha tassigura ruħha li dik l-imsemmija vettura tkun koperta b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi.

Illi fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza u tar-riżultanzi proċesswali, il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest l-ewwel imputazzjoni.

**<u>It-tieni imputazzjoni</u>**
**<u>Ksur tal-Artikolu 251(A) tal-Kap. 9 (Ir-Reat tal-Fastidju)</u>**

Il-Qrati tagħna kellhom l-opportunita` kemm-il darba li jeżaminaw l-aspetti intrinsiċi legali ta' dan ir-reat. Din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-**ismijiet Il-Pulizija vs Natal Fava** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati

(Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-20 ta' Frar 2014. Il-Qorti spjegat li:

> *"r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati flartikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "a course of conduct" u mhux incident wiehed u izolat. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs James Demanuele deciza fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret:*
>
> *"L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b'mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing ..distress") lill-persuna.*

*Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala: - "Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b'riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :- "-. f'kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

*Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."*

*Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ("alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "harassment". Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-*

*banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwit jimbtu minn relazzjonijiet interpersonali komplikati w delikati. Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi."*

Mill-provi prodotti ħareġ biċ-ċar li kien hemm *course of conduct* meta l-imputat kien qiegħed isegwi l-passi tal-parte civile, li ma kellu l-ebda dritt jagħmel għaliex lanqas biss kellu liċenzja biex iwettaq dan.

**<u>KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR PIENA</u>**

Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Simon Borg**[8] daħlet fil-fond dwar l-iskop ta' piena:

Dil-Qorti tagħmel ir-riflessjonijiet segwenti dwar l-istess piena. Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :

(a) Retributtiv;

(b)Preventiv; u

(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena

[8]Appell numru 96/2019 deċiż Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja fl-10 t'Ottubru 2019

L-**aspett retributtiv** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi s-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta` bil-kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta` teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kissret il-paċi u trankwillita` tagħha.

L-**aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għall-biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta`, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħla tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.

L-**aspett preventiv** għalhekk huwa dupliċi: wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-**effett preventiv ġenerali** huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-soċjeta` tiġi kemm jista' jkun imrażżna milli tikkommetti reati minħabba l-biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-**aspett preventiv speċjali** huwa dak li japplika għall-ħati nnifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta` titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi

penali tibda' titnaqqar fil-kwalita` jew kwantita` tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita` dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-membri tas-soċjeta` milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-membri fi ħdan soċjeta` li jiddelinkwu. Dan iwassal għall-proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-kollettivita`. Is-soċjeta` allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.

Finalment hemm l-**<u>aspett riedukattiv u rijabilitattiv</u>** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta` in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu nnifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wassluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta` bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha **<u>effetti riedukattivi u korrezzjonali</u>** fuq il-ħati. Biex dan l-għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan

il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta`, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.

**<u>Huwa tal-mistħija li hawn min iwettaq ħwejjeg bħal dawn u jisfrutta l-vulnerabbilta' ta' dawk li jkunu ddisprati biex jiksbu tagħrif minħabba s-sitwazzjoni li jispiċċaw fiha. Il-Qorti ma taċċettax dan l-aġir moqżież li persuna tilħaq il-passi ta' ħaddiehor, tinvadi l-privatezza tal-persuna, issegwi u saħansitra tiffilmja u tieħu ritratti tal-movimenti tagħha. Il-Qorti ma tistax ma taġixxix u tħalli ħwejjeg bħal dawn iseħħu meta l-leġislatur kien tant għaqli li jilleġisla biex ħadd ma jkun 'il fuq mil-liġi. Każ ta' spjunaġġ fuq persuni fil-kwiet ta' darhom jew f'postijiet oħra mhux aċċettabbli.</u>**

**<u>DECIDE:</u>**

Għal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 4 u 25(c) tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunita`, Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta u artiklu 251(A) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ssib lill-imputat ħati taż-

żewġ imputazzjonijiet miġjuba kontrih u tikkundannah sitt (6) xhur priġunerija effettiva.

Finalment il-Qorti b'applikazzjoni tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tordna l-ħrug ta' Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Dr. Kevin Mompalao LL.D u l-familja tiegħu u ta'  Hanyu Dong u dan għal żmien ħames snin mil-lum, b'dan illi l-imputat ma għandu bl-ebda mod javviċinahom jew ikellemhom jew jersaq viċin ir-residenzi tagħhom.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Maġistrat**

**Mary Jane Attard**
**Deputat Reġistratur**